// UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*7 ta' Ottubru, 2009*

105/2009

## L-ARĊISQOF JILTAQA' MAŻ-ŻGĦAŻAGH LI WETTQU ĦIDMA VOLONTARJA

Data: Il-Ħamis, 8 ta' Ottubru

Post: Valletta Waterfront

Ħin: 7.00p.m.

Għada l-Ħamis se ssir laqgħa li matulha ż-żgħażagħ li wettqu ħidma volontarja f'Malta jew barra minn Malta, jiċċelebraw il-ħidma tagħhom flimkien ma' l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. Din il-laqgħa ser issir fil-Magazino, il-Valletta Waterfront, fi tnedija tal-attivitajiet organizzati mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, għall-Ġimgħa Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2009.

Għal din il-laqgħa se jattendu żgħażagħ li matul is-sajf wettqu ħidmiet fi proġetti organizzati mill-parroċċi, għaqdiet, jew movimenti. Numru sabiħ ta' dawn iż-żgħażagħ wettqu ukoll volontarjat f'pajjizi barra minn Malta, fosthom Bari, Napli, l-Etjopja u l-Indja.

Din l-attivita hija ukoll parti mill-mixja li l-Knisja f'Malta qed tagħmel maż-żgħażagħ fuq it-tema magħżula mill-Papa Benedittu XVI għas-sena 2009 "It-tama tagħna hi f'Alla l-Ħaj" (1 Tim 4:10). Il-laqgħa hi kkummissjonta mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ tal-Knisja f'Malta lil grupp Gi.Fra. tal-Floriana u animata mill-band Footprints.